

**Brussell, 21 ta' Jannar 2025
(OR. en)**

5145/25

LIMITE

**CORLX 19
CFSP/PESC 33
CSDP/PSDC 7
COWEB 2
EU-LEX 2
CSC 12**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo*

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084
li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kosovo.
- (2) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084¹, li taħtar lis-Sur Aivo ORAV bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kosovo u li testendi l-mandat tar-RSUE għall-Kosovo.
- (3) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084 tiġi emendata skont dan.
- (5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2084 tas-26 ta' Lulju 2024 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo (ĠU L, 2024/2084, 29.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2084/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2084 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2026 għandu jkun ta' EUR 5 469 515,44";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 13a

Aċċess għad-dokumenti u l-protezzjoni tad-data

1. Ir-RSUE għandu japplika r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Ir-RGħ għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni rilevanti li jikkonċernaw ir-RSUE.
2. Ir-RSUE għandu jipproteġi lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**. Ir-RGħ għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni rilevanti li jikkonċernaw ir-RSUE.

-
- * Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj>).
- ** Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President